31981R0551



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 551/81
## tal-25 ta' Frar 1981
## dwar il-klassifika ta' merkanzija taħt is-subintestatura 90.07 A tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat Bir-Regolament (KEE) Nru 280/77 [2], u partikolarment Artikolu 3 tiegħu,

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, għandha ssir dispożizzjoni għall-klassifika ta' l-apparat li jittrasferixxi għal fuq *mikrofilm* informazzjoni rekordjata fuq *tape* manjetiku, li jikkonsisti f:

— *tape deck* biex jinstama' it-*tape* manjetiku,

— *unit* ta' proċessar biex tikteb id — *data* reġistrati fuq it-*tape* f'karattri li jintgħarfu biex jintwerew fuq tubu *cathode-ray* u biex tikkontrolla l-operazzjoni tal-kamera u tal-*flashlight* li jintużaw biex jiġbdu r-ritratti ta' dawk il-karattri. Jekk mixtieq, din il-parti ta' l-operazzjoni tista' ssir mill-*unit* ċentrali ta' proċessar ta' magna awtomatika ta' proċessar ta' *data* minflok il-*unit* ta' proċessar li tifforma parti mill-apparat,

— tubu *cathode-ray* biex juri l-karattri,

— apparat ta' *flashlight*,

— kamera biex tiġbed ritratti tal-karattri fuq *mikrofilm*,

— *unit* biex tiżviluppa u tistampa l-film f'forma ta' *microfiches*;

Billi t-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [3], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3324/80 [4], tinkludi, taħt l-intestatura Nru 84.53, magni awtomatiċi li jipproċessaw *data* u unitajiet tagħhom u magni oħra li jipproċessaw *data*, taħt l-intestatura Nru 84.54, magni oħra ta' l-uffiċċju, taħt l-intestatura Nru 90.07, magni tar-rittratti, u taħt l-intestatura Nru 90.10, apparat u tagħmir tat-tip użat fil-laboratorji fotografiċi li ma jaqgħux taħt xi intestatura oħra tal-Kapitolu 90;

Billi dawn l-intestaturi huma relevanti għall-klassifika ta' l-apparat fuq imsemmi li jwettaq tlett funzjonijiet: proċessar ta' *data*, ġbid ta' ritratti u żviluppar ta' film;

Billi l-intestatura Nru 84.53 ma tkoprix apparat li jinkorpora jew li jaħdem flimkien ma' magna awtomatika li tipproċessa *data* u twettaq funzjoni speċifika; billi l-*unit* ta' l-ipproċessar fl-apparat fuq imsemmi ma tistax titqies bħala l-element ewlieni ta' l-apparat peress li tista' ma tintużax fl-operat tiegħu, għax il-*unit* ċentrali ta' l-ipproċessar ta' magna awtomatika li tipproċessa *data* tintuża minfloku;

Billi, f'kull każ, it-Taqsima XVI, li tinkludi l-intestaturi Nri 84.53 u 84.54, ma tkoprix l-oġġetti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 90;

Billi l-intestatura Nru 90.07 tinkludi magni tar-ritratti biex jikkupjaw id-dokumenti, inklużi dawk li jirrekordjaw fuq *mikrofilm* u dawk li fihom l-espożizzjoni u l-ipproċessar jitwettqu awtomatikament; billi magni tar-ritratti biex jikkupjaw *data* u li jirrekordjaw fuq *mikrofilm* iridu jkunu bl-istess mod ikklassifikati taħt l-intestatura Nru 90.07; billi l-apparat fuq imsemmi fih magna tar-ritratti li tikkostitwixxi l-element essenzjali tiegħu;

Billi skond ir-Regola Ġenerali A 3 (b) għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura, l-apparat fuq imsemmi jrid għalhekk ikun ikklassifikat taħt l-intestatura Nru 90.07 bħala li hu essenzjalment magna tar-ritratti;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Apparat biex jittrasferixxi għal *mikrofilm* l-informazzjoni rrekordjata fuq *tape* manjetiku, li jikkonsisti fi:

— *tape deck* biex isemma' it-*tape* manjetiku,

[1] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[2] ĠU L 40, tal-11.2.1977, p. 1.
[3] ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
[4] ĠU L 349, tat-23.12.1980, p. 8.

— *unit* ta' proċessar biex tikteb id-*data* rekordjata fuq it-*tape* f'karattri li jinqraw biex jintwerew fuq tubu *cathode-ray* u biex tikkontrolla l-operazzjoni tal-kamera u tal-*flashlight* li jintużaw biex jiġbdu ritratti ta' dawk il-karattri. Jekk mixtieq, din il-parti ta' l-operazzjoni tista' ssir mill-*unit* ċentrali ta' proċessar ta' magna awtomatika ta' proċessar ta' *data* minflok l-*unit* ta' proċessar li tifforma parti mill-apparat,

— tubu *cathode-ray* biex juri l-karattri,

— apparat ta' *flashlight*,

— kamera biex tiġbed ir-ritratti tal-karattri fuq *mikrofilm*,

— *unit* biex tiżviluppa u tistampa l-film f'forma ta' *microfiches*,

għandhom ikunu klassifikati fit-Tariffa Doganali Komuni taħt is-subintestatura:

90.07 Magni tar-ritratti; apparat ta' *flashlight* fotografiku u *flashbulbs* għajr *discharge lamps* ta' l-intestatura Nru 85.20:

A. Magni tar-ritratti

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Frar 1981.

*Għall-Kummissjoni*

Karl-Heinz NARJES

*Membru tal-Kummissjoni*